# Ġ 5.2 NINVESTIGAW PAJJIŻ BARRANI



**Ġ5.2.5**

Nikkomparaw iż-żewġ pajjiżi permezz ta' kitba fittizja

## A. Kompli dan id-djalogu



Il-familja ta' Marco, li joqogħdu Milan (l-Italja), jieħdu pjaċir iqattgħu l-vaganzi tas-sajf jgħumu fix-xtajtiet Maltin u Għawdxin.

Is-sena li għaddiet il-familja ta' Marco ma setgħetx tiġi Malta. Marco kien jieħu gost iċempel lil kuġintu Maltija u ħafna drabi kienu jitkellmu dwar il-klima tal-postijiet fejn joqogħdu.

Marta: Għadna kif ġejna lura mill-baħar daqskemm kienet sħana llum. It-temperatura hi ________ °C u r-raġġi UV huma ________, wieħed mill-ogħla dan is-sajf.

Marco: Mela mhux bħal Milan għax illum kelli nilbes ______________ daqs kemm hu bard!

Marta: Hawn Malta s-sema kaħlani u x-xemx tisreġ. Kulħadd liebes ħwejjeġ ______________.

Marco: Ix-xemx f'Milan ilha ma tidher jumejn u llum għamlet ħafna ______________. Kemm nixtieq qiegħed hemm!

## B. Niktbu ftit

Agħżel waħda minn dawn li ġejjin u ħaddem l-immaġinazzjoni tiegħek biex taħdem it-taħriġ.

Però tinsiex tibbaża kollox fuq ir-riċerka li għamilt qabel.

1. **Niktbu Djalogu**



Immaġina li ċempillek tifel jew tifla mill-pajjiż li rriċerkajt dwaru.

Ikteb id-diskursata li saret bejnietkom f'madwar 100 kelma. Tkellmu l-iktar dwar iż-żewġ pajjiżi tagħkom. Irrapporta d-diskursata tagħkom permezz tal-lingwa Maltija.

2. **Niktbu Ittra Elettronika**




Immaġina li inti tifel jew tifla li toqgħod fil-pajjiż illi rriċerkajt dwaru.

Ikteb ittra elettronika lilek innifsek, taparsi qed tirċeviha mingħand din il-persuna barranija. Tkellem dwar pajjiżek (jiġifieri l-pajjiż barrani). Imbagħad irrispondi b'ittra elettronika oħra, din id-darba tkellem dwar il-Gżejjer Maltin. Iż-żewġ ittri elettroniċi f'daqqa m'għandhomx jaqbżu l-100 kelma.

3. **Niktbu Konverżazzjoni**

Ikteb dak li ntqal waqt kollegament bl-iSkype bejn klassi tfal mill-pajjiż illi rriċerkajt dwaru u l-klassi tiegħek hawn Malta jew Għawdex.



Irrapporta mill-inqas żewġ interventi minn kull klassi (erbgħa b'kollox). Tkellmu l-iktar dwar iż-żewġ pajjiżi tagħkom. L-interventi kollha m'għandhomx jaq bżu l-100 kelma.